# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru wieħed u sebgħin (71) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru, 2010, fis-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi, b'urġenza u b'kontinwazzjoni għal laqgħa preċedenti sabiex tiġi konkluża l-aġenda.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**Tender tal-kollezzjoni tal-bulky refuse**

2. Il-Kunsilliera komplew jiddiskutu l-offerti li ġew sottomessi għat-tender tal-kollezzjoni tal-*bulky refuse*. Kif indikat fil-laqgħa preċedenti, b'kollox kien hemm ħames offerenti. Fid-dokument tat-tender, il-Kunsill talab speċifikament ir-rata biex jipprovdi is-servizz ta' bulky refuse – *per collected item*. L-irħas offerent huwa is-Sur Claudio Anthony Aquilina. Kien hemm offerenti oħra li kkwotaw prezz għola minn dak tas-Sur Aquilina iżda kitbu fl-offerta tagħhom li lesti jiġbru iżjed minn oġġett wieħed mingħajr ħlas addizjonali hekk il-*pick up point* tkun minn l-istess dar.

3. Il-Kunsilliera qablu unanimament li minħabba li r-rata mitluba kienet dik ibbażata fuq l-offerta tas-servizz ta' bulky refuse – *per collected item*, l-evalwazzjoni għanda issir fuq din ir-rata biss, hekk kif mitlub fid-dokument tat-tender.

4. Il-Kunsilliera qablu unanimament li jintgħażel l-irħas offerent, is-Sur Claudio Anthony Aquilina. Is-Sindku ser jagħmel kuntatt ma din il-persuna sabiex tibda topera fil-ġbir tal-bulky refuse minn nhar it-tlieta 7 ta' Diċembru, 2010.

**Contract for the Provision of the Professional Services of an architect to Council for EU related projects**

5. Il-Kunsilliera iddiskutew il-ħatra ta’ l-uffiċju tal-Perit ingaġġat biex jieħu ħsieb l-proġetti tal-Kunsill. B’kollox kien hemm erbgħa offerenti. Is-SE għamel rendikont tar-rati kwotati fit-tender documents ta’ l-offerenti għall-informazzjoni tal-Kunsilliera. Is-Sindku rimarka li l-Perit Anthony Bezzina, għalkemm mhux l-irħas offerent, kwota fit-tender document li l-Kunsill jħallas lil perit kemm il-darba l-applikazzjoni tiġi milquha u l-Kunsill jkun ħa l-fondi mill-Unjoni Ewropeja għal proġetti li huwa japplika. Il-Kunsilliera qablu unanimament li t-tender jiġi aġġudikat lil Perit Anthony Bezzina.

6. Il-laqgħa ntemmet fis-sebgħa.

Approvati llum 09/12/2010

Sindku　　　　　　　　　　Segretarju Eżekuttiv